V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10598 – LGC/TORAY INDUSTRIES HUNGARY)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 183/08)

1. Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— LG Chem, Ltd ("LGC", il-Korea t'Isfel),

— Toray Industries Inc. ("Toray", il-Ġappun),

— Toray Industries Hungary Korlátolt Felelősségű Társaság (l-Ungerija), ikkontrollata minn Toray.

LGC u Toray se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Toray Industries Hungary Korlátolt Felelősségű Társaság kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— LGC hija kumpanija kimika attiva fin-negozju petrokimiku, in-negozju tal-materjal avvanzat, in-negozju tal-bijoxjenza u n-negozju tal-batteriji,

— Toray hija kumpanija kimika attiva fil-manifattura, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' diversi materjali għal karozzi, inġenji tal-ajru, prodotti relatati mat-teknoloġija tal-informazzjoni u prodotti relatati max-xjenzi tal-ħajja.

3. Toray Industries Hungary Korlátolt Felelősségű Társaság se tkun qed timmanifattura u tbigħ separaturi għall-batteriji tal-joni tal-litju.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10598 – LGC/TORAY INDUSTRIES HUNGARY

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks, jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË